# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 738/21/3 AD**

**Paul Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell tar-rikorrent mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-10 ta' Ġunju, 2022, dwar l-Artikoli 15 *et seq* tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ikkunsidrati fid-dawl tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Il-fatti li wasslu għas-sentenza appellata huma sintetikament is-segwenti:

2.1. Wara investigazzjoni mill-awtoritajiet Taljani, il-*Guardia Di Finanza* ta' Palermo nterċettat f'ibħra internazzjonali dgħajsa li kellha bandiera Olandiża fejn instabu għaxar tunnellati ta' sustanza suspettata droga;

2.2. Fis-7 ta' Ġunju, 2019, l-Italja ħarġet Mandat ta' Arrest Ewropew fil-konfront tar-rikorrent odjern sabiex huwa jiġi arrestat f'Malta u estradit lura fl-Italja[1];

2.3. Ir-rikorrent kien arrestat fis-6 ta' Settembru, 2021, u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti f'proċeduri ta' estradizzjoni;

2.4. Fil-15 ta' Settembru, 2021, dik il-Qorti tat lir-rikorrent il-ħelsien mill-arrest;

2.5. B'sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2021, dik il-Qorti ddeċidiet li r-reat li jissemma fil-Mandat ta' Arrest Ewropew mhux wieħed ta' estradizzjoni

[1] Xi żmien qabel kienet saret talba oħra mill-Awtoritajiet Taljani għall-arrest u estradizzjoni tar-rikorrent odjern f'Malta iżda b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-6 ta' Ġunju, 2019, ġie deċiż li dik it-talba ma kinitx fil-forma preskritta (vide fol. 32 – 44). Għalhekk l-Mandant ta' Arrest Ewropew reġa' sar mill-ġdid fis-7 ta' Ġunju, 2019 (*vide* ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Mark Galea a fol. 19)

u b'hekk ordnat il-ħelsien tar-rikorrent. Sentenza li appella minnha r-rikorrent u l-Avukat Ġenerali;

2.6. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Ottubru, 2021, l-appell tar-rikorrent ġie dikjarat null filwaqt li l-appell tal-Avukat Ġenerali ntlaqa' parzjalment u, filwaqt li ġiet revokata s-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2021, dik il-Qorti ddikjarat illi r-reat imsemmi fil-Mandat ta' Arrest Ewropew effettivament jikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni. Għalhekk ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex jitkompla s-smigħ tal-proċeduri ta' estradizzjoni u li r-rikorrent jitqiegħed fl-istess pożizzjoni li kien fiha wara d-digriet li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru, 2021;

2.7. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ssoktat bis-smigħ u ddiferiet il-każ għat-Tnejn 15 ta' Novembru, 2021, sabiex tingħata s-sentenza;

2.8. Fil-11 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent ippreżenta l-kawża tal-lum. Ilmenta li jekk nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru, 2021, il-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tordna l-estradizzjoni tiegħu lejn ir-*requesting state,* il-konsegwenza *sine qua non* tkun li, anke jekk jappella jew jintavola proċeduri kostituzzjonali, fil-mori ta' dawk il-

proċeduri huwa jrid bilfors jinżamm taħt arrest. Dan a tenur tal-Artikolu 15 *et seq* tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta li ma jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti. Jilmenta li b'hekk, jinżamm taħt arrest preventiv mhux b'għażla xjenti tal-Qorti iżda minħabba liġi arbitrarja. Talab għalhekk lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):

> *"1. Tiddikjara l-aġir tal-intimat illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tal-estradant billi jikser l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liema minnhom, u*
>
> *2. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa u opportuni skont il-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ;"*

2.9. Fil-15 ta' Novembru, 2021, jiġifieri fil-jum meta suppost kellha tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, ir-rikorrent ippreżenta żewġ rikorsi oħra. Il-Qorti ssospendiet l-għoti tas-sentenza.

2.10. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Novembru, 2021, il-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabet li m'hemmx impediment għall-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Italja u ordnat li huwa jinżamm taħt kustodja fi stennija li jitreġġa' lura lejn dak il-pajjiż;

2.11. Fit-22 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent appella mis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 2021. Fl-istess jum ippreżenta wkoll rikors fejn talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tagħtih il-ħelsien mill-arrest;

2.12. Permezz ta' digriet datat 3 ta' Diċembru, 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest minħabba l-biża' li r-rikorrent jinħeba jew jaħrab;

2.13. B'risposta ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2021, l-Avukat tal-Istat wieġeb għall-ilment tar-rikorrent, u prinċipalment argumenta li:

i. Ir-rikorrent qiegħed jibbaża din il-kawża fuq premessa totalment żbaljata għaliex fil-każ tiegħu ma japplikax l-Artikolu 15 tal-Kap 276 iżda tapplika l-L.S. 276.05, ossija *lex specialis*. Fil-fatt, skont id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Rimandanti tas-17 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent tqiegħed taħt kustodja *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-L.S. 276.05;

ii. Illi għalhekk, l-arrest tar-rikorrent mhuwiex arbitrarju iżda huwa pjenament ġustifikat u permissibbli skont kif jipprovdi l-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni;

iii. Illi meta persuna tkun qed tiġi mfittxija minn pajjiż terz sabiex taffaċċja proċeduri kriminali f'dak il-pajjiż, huwa minn għewl id-dinja li l-biża' li dik il-persuna taħrab jew tinħeba ser jiżdied, aktar u aktar meta l-Qorti, in eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, tordna ukoll l-estradizzjoni ta' dik il-persuna;

iv. Illi apparti hekk, xejn ma jwaqqaf lir-rikorrent milli jitlob il-ħelsien mill-arrest. Talba li fil-fatt għamel b'rikors tat-22 ta' Novembru, 2021. Madanakollu, permezz ta' digriet tat-3 ta' Diċembru, 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu minħabba l-biża' li huwa jinħeba jew jaħrab;

v. Illi ma jeżisti l-ebda dritt awtomatiku għall-ħelsien mill-arrest, ħlief kif u jekk provdut espressament mil-liġi;

vi. Illi l-kontinwazzjoni tal-kustodja tar-rikorrent mhix kappriċċjuża jew arbitrarja;

vii. Illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni ta' xi jedd fondamentali tar-rikorrent, wisq inqas tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;

viii. Illi għalhekk il-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

2.14. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess data (<u>9 ta' Diċembru, 2021</u>) ġie kkonfermat l-ordni għar-ritorn tar-

rikorrent odjern lejn l-Italja u li, fl-istennija għal dak il-għan, għandu jinżamm taħt kustodja b'dan illi huwa ġie nfurmat illi:

> *"a) Mhuwiex ser jitregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;*
>
> *b) Jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kien miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-Kustodja tal-Qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont iddisposizzjonijiet tal-Artiklu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz."*

2.15. Fil-15 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrent odjern ippreżenta kawża oħra quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) bin-numru 801/2021FDP permezz ta' liema talab lil dik il-Qorti sabiex *inter alia* tagħmel referenza preliminari; tiddikjara li l-proċedimenti ta' estradizzjoni fil-konfront tiegħu ma jirrispettawx: (i) l-Artikoli 32(ċ), 39 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (ii) l-Artikoli 8, 14, 6, 2 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (iii) l-Artikoli 7, 21, 47 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; u konsegwentement tordna li huwa jiġi meħlus u ma jintbagħatx lejn l-Italja. Sussidjarjament, u f'każ biss li dawk it-talbiet ma jiġux milqugħa, talab li jintbagħat lura lejn l-Italja biss meta proċeduri oħra kriminali kontrih isiru *res judicata;* soġġett għal-*law of speciality* u li fl-eventwalità li jinsab ħati in segwitu għall-proċeduri kontrih fl-Italja u jingħata piena ta' priġunerija effettiva, huwa jiskonta l-piena hawn Malta. Dawn il-proċeduri għadhom pendenti u jinsabu differiti għas-smigħ (u għeluq) tal-provi kollha tar-rikorrent għall-1 ta' Diċembru, 2022;

2.16. Fil-11 ta' Frar, 2022, ir-rikorrent ippreżenta kawża oħra bin-numru 80/2022 AF fejn permezz tagħha lmenta li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Diċembru, 2021, ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. L-ilment tiegħu hu li bis-sentenza t-talbiet sussidjarji tiegħu ġew miċħuda mingħajr motivazzjoni, abbinat mal-allegata skorrettezza, żball u difett fil-verbal tat-2 ta' Diċembru, 2021;

2.17. Waqt is-smigħ tal-kawża 80/2022 AF, ċioe' fis-16 ta' Frar, 2022, ir-rikorrent talab lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), sabiex tagħti *interim measure* bl-effett illi *pendente lite*, jingħata l-ħelsien mill-arrest. Talba miċħuda b'digriet tal-4 ta' Mejju, 2022. Imbagħad b'sentenza li ngħatat fil-31 ta' Mejju, 2022, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent li m'appellax mis-sentenza.

2.18. B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Ġunju, 2022, fil-kawża tal-lum, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih.

2.19. Imbagħad fit-23 ta' Ġunju, 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet talba tar-rikorrent sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kondizzjonijiet. Talba li r-rikorrent għamel b'rikors li ppreżenta fil-15 ta' Ġunju, 2022.

2.20. Fit-30 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrent appella mis-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"tħassar u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-10 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet premessi, fid-dawl tal-aggravji hawn sollevati u konsegwentement tilqa' t-talbiet kollha tal-appellant kif promessi fir-rikors kostituzzjonali promutur tiegħu ta' nhar il-11 ta' Novembru 2021."*

*Motivazzjoni fis-sentenza appellata*.

3. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali li saru fis-sentenza appellata kienu s-segwenti:

*"17. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, awturi stabbiliti, u l-Qrati nostrana, iddelineaw tliet elementi illi jsawru din l-eċċezzjoni, liema elementi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-benchmark illi jiddetermina jekk detenzjoni fl-ambitu ta' proċeduri t'estradizzjoni tivvjolax l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew taqax taħt l-eċċezzjoni kontemplata mis-sub-inċiż (f):*

***Id-detenzjoni għandha tkun legali ("lawful") u mhux arbitrarja;***

***Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni ("with a view to extradition"); u***

***Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza ("prosecuted with due diligence");***

*Għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn l-elementi taħt kapijiet separati;*

***A. Id-detenzjoni għandha tkun legali, u mhux arbitrarja***

*...*

*22. Applikati l-prinċipji suċitati għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tosserva illi huwa fatt mhux kontestat illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija konsegwenza tal-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 17 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Lanqas jidher illi huwa kontestat il-fatt illi l-arrest tar-rikorrent seħħ wara illi ġiet segwita l-proċedura delineata fil-Kap 276 (għal darba, darbtejn) għad-determinazzjoni dwar l-estradizzjoni o meno tar-rikorrent, kemm fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qua Rimandanti, kif ukoll bid-dritt t'appell relattiv mill-istess sentenza*

*quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Tenut kont biss dan il-punt, din il-Qorti diġa' tinsab konvinta illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija waħda illi tista' tiġi kkunsidrata bħala "lawful" fit-termini tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, iżda, minkejja dan, din il-Qorti tħoss illi għandha tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet, illi jkomplu jaffermaw il-fehma tagħha:*

*a. Huwa r-rikorrent stess illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel aċċenn għall-fatt illi meta, wara illi kien soġġett għal proċeduri ta' Mandat t'Arrest Ewropea fis-sena 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ddikjarat illi l-Mandat mibgħut mill-awtoritajiet Taljani mhuwiex konformi mal-liġi u mhux magħmul fil-forma preskritta[2], huwa ġie rilaxxat mill-arrest minnufih[3]. Konsegwentement, għalhekk, jirriżulta kjarament illi l-arrest tar-rikorrent mhuwiex kawża ta' male fede min-naħa tal-Istat, iżda bħala konsegwenza tal-fatt illi reġgħu infetħu proċeduri għal estradizzjoni fil-konfront tiegħu, liema proċeduri, kuntrarjament għall-proċeduri oriġinali, ma kellhomx eżitu favorevoli għar-rikorrent;*

*b. Minkejja illi l-proċeduri dwar l-estradizzjoni o meno tar-rikorrent reġgħu nbdew fis-sitta (6) ta' Settembru 2021, ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2021 fuq talba tiegħu stess, u saħansitra lanqas meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kif presjeduta mill-Onor Imħallef Aaron Bugeja ddeċidiet fit-tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2021 illi r-reat huwa estradibbli, u rrimandat lura l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma ġie r-rikorrent mill-ġdid detenut. Difatti, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat illi, "l-estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021". Kien biss meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (f'dan il-każ, il-Qorti Rimandanti) iddeċidiet, fis-sbatax (17) ta' Novembru 2021, illi m'hemm l-ebda impediment għall-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Italja, illi huwa ġie arrestat mill-ġdid. Il-fatt illi kien biss wara illi kien hemm din is-sentenza tal-Qorti Rimandanti[4] illi ordnat illi r-rikorrent għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Italja, stante illi ma kien hemm ebda impediment għall-estradizzjoni, illi r-rikorrent ġie arrestat, u dan in konformita' mal-provvedimenti tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05) u tal-Artikolu 15(3) u 17 tal-Kap 276, ikompli jikkonferma illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija waħda illi għandha bażi legali, u mhux waħda arbitrarja;*

*23. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-ewwel element huwa sodisfatt, u li d-detenzjoni tar-rikorrent għandha bażi fil-liġi Maltija.*

---

[2] Vide sentenza esebita mill-Avukat tal-Istat, immarkata bħala **Dok SA**, a fol 32 *et seq* tal-proċess

[3] Vide para 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, a fol 46 tal-proċess

[4] Estradizzjoni (EAW) Nru 574/2021, ***Il-Pulizija vs Paul Attard***, Maġistrat Dr Noel Bartolo, 17 ta' Novembru 2021

***B. <u>Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni ("with a view to extradition")</u>***

*...*

*27. Dan l-element jidher illi huwa l-punt ta' vertenza bejn il-partijiet. Filwaqt illi, fuq naħa waħda, ir-rikorrent qiegħed isostni illi l-proċeduri ta' estradizzjoni nfushom ġew deċiżi (u għalhekk konkjużi) b'sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 9 ta' Diċembru 2021, l-Avukat tal-Istat isostni illi sakemm il-proċeduri illi jistgħu jwasslu għall-annullament, revoka jew modifika tal-ordni tal-Qorti għat-treġġigħ tar-rikorrent lejn l-Italja għadhom pendenti, il-proċess ta' estradizzjoni ma jistax jitqies illi huwa konkjuż, iżda jitqies illi għadu pendenti;*

*28. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-Avukat tal-Istat in kwantu dan jissottometti illi minkejja illi ngħatat deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Diċembru 2021, il-fatt illi r-rikorrent għandu proċeduri oħra pendenti illi jistgħu jwasslu għar-revoka tal-istess ordni jfisser illi l-proċeduri t'estradizzjoni għadhom m'humiex finali. Difatti, l-Artikolu 21 tal-Kap 276, kif isostni tajjeb l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jgħid ċar u tond illi persuna ma tistax titreġġa' lura lejn il-pajjiż li jagħmel it-talba, "jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja jkollha l-jedd tibda xi proċedimenti, sew ta' appell jew xort'oħra, li jistgħu jwasslu għar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tiġi mibgħuta taħt kustodja, u l-persuna tkun bdiet dawk il-proċedimenti jew, jekk ikun hemm stabbilit b'liġi jew ikun ġie stabbilit b'ordni jew b'sentenza tal-qorti żmien li fih dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew, sakemm igħaddi dak iż-żmien", u / jew "jekk xi proċedimenti msemmija fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ikunu nbdew, sakemm jispiċċaw dawk il-proċedimenti";*

*29. B'referenza għal dak sottomess mir-rikorrent fin-nota t'osservazzjonijiet tiegħu illi, "jekk l-intavolar ta' kawża kostituzzjonali minn issa 'l quddiem ser jibda jitqies bħala kontinwar ta' proċeduri ordinarji u kwindi li proċeduri ordinarji quddiem Qrati ordinarji ma humiex definittivament magħluqa – mela allura ebda proċedura ġudizzjarja ma tista titqies bħala magħluqa u dana billi ma hemm ebda terminu ta' preskrizzjoni fuq azzjoni dwar drittijiet fondamentali", din il-Qorti tirrileva illi l-każ odjern huwa każ differenti mill-eżempji ta' "proċeduri ordinarji" illi jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent fil-paragrafu numru għoxrin (20) tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Dan preċiżament għaliex dan huwa każ ta' provvediment tal-liġi illi jistabbilixxi iswed fuq abjad illi l-ordni għal treġġigħ ma tiġix ikkunsidrata bħala in vigore qabel ma jintemmu l-proċeduri mibdija mir-rikorrent. Din mhix kwestjoni dwar nuqqas ta' preskrizzjoni fuq azzjoni dwar drittijiet fondamentali, iżda kwestjoni ta' provvediment tal-liġi applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern fil-partikolarita' tiegħu. Li kieku ma kienx hekk, kienet tkun tissussisti l-possibilta' ipotetika illi r-rikorrent jitreġġa' lura lejn l-Italja, jinbdew il-proċeduri*

*penali fil-konfront tiegħu fl-Italja, bil-potenzjalita' illi l-ordni għat-treġġigħ lura lejn l-Italja tiġi eventwalment revokata jew dikjarata nulla mill-Qrati Maltin, u dan b'telf sostanzjali ta' żmien u riżorsi;*

*30. Din il-Qorti tagħmel hawnhekk referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Ġenerali[5],*** *illi kienet tittratta dwar ilment prattikament identiku għal dak illi qiegħed jiġi trattat fil-każ odjern:*

> *"Konformament mal-premess, il-Qorti tosserva li l-fatt li ttieħdet deċiżjoni fis-sens li l-persuna għandha tiġi estradita ma jfissirx li b'daqshekk il-proċeduri ta' estradizzjoni ġew konkjużi, għax il-proċeduri ta' estradizzjoni jiġu konkjużi mhux bid-deċiżjoni tal-qrati iżda bir-ritorn tal-individwu lejn il-pajjiż rikjedenti, jew bil-fatt li jiġi discharged. Il-fatt li l-persuna tinsab detenuta bil-ħsieb li tiġi ritornata lejn il-pajjiż rikjedent ifisser li għadha għaddeja bl-"l-azzjoni" bi ħsieb li dik il-persuna tiġi estradita."*

*31. Huwa fatt mhux kontestat illi l-Istat għad għandu l-ħsieb li jesegwixxi l-estradizzjoni ordnata mill-Qrati Rimandanti. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonsidra illi l-proċeduri għadhom ma ġewx finalment konkjużi, b'dana illi t-tieni element jirriżulta wkoll sodisfatt.*

***C. <u>Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza ("prosecuted with due diligence</u>")***

*32. Mat-tieni element, il-Qorti Ewropea konsistentement allaċċjat ukoll it-tielet element, u cioe illi l-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza...*

*...*

*35. Ħarsa lejn il-kronoloġija tal-fatti kif seħħew turi illi l-proċeduri quddiem il-Qrati Maltin imxew b'mod spedit. Il-proċeduri jinsabu preżentement sospiżi għaliex ir-rikorrent għandu proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, inkluż dawk odjerni, per kawża ta' liema, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 276 suċitat, l-estradizzjoni ma tistax tiġi effettwata;*

*...*

*37. Considerando wkoll il-fatti illi: (a) ir-rikorrent ngħata kull opportunita' sabiex jappella minn deċiżjonijiet illi ma kellhomx eżitu favorevoli għalih; (b) ir-rikorrent ngħata kull opportunita' sabiex jippreżenta talba għall-ħelsien mill-arrest, kif effettivament għamel diversi drabi; (ċ) ir-rikorrent ngħata kull opportunita' sabiex jintavola proċeduri kostituzzjonali fejn ħass illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu; u (d) ir-rikorrenti ngħata kull opportunita', sakemm kien miżmum taħt arrest, illi jkollu viżitaturi, kemm fil-Faċilita' Korrettiva ta'*

[5] Rik Nru 45/2016 LSO, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Ġunju 2017

> *Kordin kif ukoll permezz tat-telefon*[6]*, din il-Qorti mhix tirriskontra xi fatt u/jew ċirkostanzi illi jistgħu jwassluha għall-konklużjoni illi l-proċeduri ma tmexxewx b'diliġenza. Konsegwentement, għalhekk, din il-Qorti hija sodisfatta illi jissussisti wkoll it-tielet element;*
>
> *38. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruħha perfettament fil-qafas ta' detenzjoni ġiustifikata ai termini tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, b'dana illi l-aġir tal-intimat ma jistax jiġi kkonsidrat bħala wieħed illi jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta."*

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

4. <u>Fl-ewwel aggravju</u> r-rikorrent jirreferi għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie deċiż li sakemm għadhom pendenti proċeduri oħra li jistgħu jwasslu għar-revoka tal-ordni ta' estradizzjoni, il-proċeduri ta' estradizzjoni għadhom mhumiex finali u għalhekk l-arrest tiegħu huwa ġustifikat a tenur tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni. Jilmenta iżda li l-proċeduri ta' estradizzjoni ngħalqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Diċembru, 2021, u li għalhekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hi skorretta. Kompla li jekk kawżi kostituzzjonali se jibdew jitqiesu kontinwazzjoni ta' proċeduri ordinarji, l-ebda proċedura ordinarja ma tista' titqies magħluqa billi m'hemm l-ebda terminu ta' preskrizzjoni għall-intavolar ta' kawżi kostituzzjonali. Ikompli jargumenta li proċeduri ordinarji jiġu konklużi b'sentenza li tkun *res judicata*, bħalma hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Diċembru, 2021, u li l-fatt

[6] Vide xhieda tal-Ispettur Mark Galea, mogħtija *viva-voce* waqt is-sedut tal-21 ta' Jannar 2022, a fol 19 *et seq* tal-proċess

biss li l-effett ta' sentenza *res judicata* ma jkunx seħħ ma jfissirx li dik is-sentenza ma tkunx finali. Jgħid li l-possibiltà li persuna tintavola proċeduri kostituzzjonali teżisti ndipendentement mill-Artikolu 21(2) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma jistax jingħad illi, sempliċement għaliex il-Kap. 276 jipprovdi għal rimedju kostituzzjonali kontra ordni ta' treġġigħ lura, li l-proċeduri ta' estradizzjoni ma ġewx magħluqa għaliex ma saritx l-estradizzjoni.

5. Permezz tat-tieni aggravju r-rikorrent jilmenta illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma tantx tefgħat dawl fuq l-arbitrarjetà *o meno* tal-Artikoli 15 *et seq* tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li għalkemm huwa minnu li l-ordni tal-Qorti Rimandanti sabiex huwa jitreġġa' lura l-Italja għandha bażi legali, ma jfissirx li dik il-liġi hija konformi mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jinsisti li ilu detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin għal dan iż-żmien kollu mhux għaliex kiser xi kondizzjoni tal-ħelsien mill-arrest jew għax ġie misjub ħati ta' xi reat iżda sempliċement għaliex l-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 jipprekluduh mill-ħelsien mill-arrest.

6. Fit-tweġiba l-intimat ta r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-appell għandu jiġi miċħud.

7. L-aggravji ser jiġu kkunsidrati flimkien.

8. Fil-mori tal-kawża tal-lum, inbidlu ċ-ċirkostanzi. Meta r-rikorrent ippreżenta l-kawża kien qiegħed jistenna li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tagħti s-sentenza dwar jekk kinux jeżistu mpedimenti għall-estradizzjoni tiegħu (*bars to extradition*) skont regolament 13 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05). F'dak iż-żmien kien għadu qiegħed igawdi mill-ħelsien mill-arrest. F'din il-kawża r-rikorrent ilmenta li jekk dik il-Qorti tordna l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja skont l-Art. 15 tal-Kap. 276, kien ser jitpoġġa taħt kustodja fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sakemm jiġi deċiż l-appell u proċedura dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Hekk kif ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti fis-17 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent tpoġġa taħt kustodja għall-finijiet ta' estradizzjoni. Meta appella, hu talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Kif rajna b'digriet tat-3 ta' Diċembru, 2021, it-talba ġiet miċħuda għaliex dik il-Qorti qalet li hemm biża' li r-rikorrent jinħeba jew jaħrab. Fid-digriet ma ntqalx li skont il-liġi, f'dak l-istadju ma setax jingħata ħelsien mill-arrest. Ir-rikorrent lanqas ma ta prova li dik il-Qorti tat xi digriet fis-sens li taħt il-liġi rilevanti għal dan il-każ, ma kienx possibbli li jingħata l-ħelsien mill-arrest wara li ngħatat l-ewwel sentenza u fil-mori tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Saħansitra, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest fit-23 ta' Ġunju, 2022.

Għalhekk irrispettivament minn dak li jingħad fil-liġi, il-Qorti kkunsidrat fil-meritu t-talba tar-rikorrent għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest. B'hekk fir-realta' r-rikorrent kellu rimedju tant li eventwalment ingħata l-ħelsien mill-arrest.

9. Il-Qorti żżid li skont Art. 5(1)(f) tal-Konvenzjoni:

> *"1. Everyone has the right to liberty and security of person. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:*
>
> *..............*
>
> *(f) the lawful arrest or detention of a person to prevent his effecting an unauthorised entry into the country <u>or of a person against whom action is being taken with a view to deportation or extradition</u>"*.

10. L-għan wara t-tqegħid tar-rikorrent taħt kustodja kien proprju li jiġi estradit wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), eventwalment konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tad-9 ta' Diċembru, 2021. Dan ukoll matul il-perjodi differenti li jissemmew f'Art. 21 tal-Kap. 276 li jipprovdi:

> *"(2) Persuna m'għandhiex titreġġa' lura għal xi pajjiż skont danl-Att –*
>
> *(a) f'kull każ, sakemm igħaddu ħmistax-il jum li jibdew bil-jum li fih ikun sar l-ordni biex tiġi mibgħuta taħt kustodja;*
>
> *(b) jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja jkollha l-jedd tibda xi proċedimenti, sew ta' appell jew xort' oħra, li jistgħu jwasslu għar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tiġi mibgħuta taħt kustodja, u l-persuna li tintbagħat tkun bdiet dawk il-proċedimenti jew, jekk ikun hemm stabbilit b'liġi jew ikun ġie stabbilit b'ordni jew b'sentenza tal-qorti żmien li fih dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew, sakemm igħaddi dak iż-żmien;*

*(ċ) jekk xi proċedimenti msemmija fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ikunu nbdew, sakemm jispiċċaw dawk il-proċedimenti:*

*Iżda il-proċedimenti għandhom jitqiesu li spiċċaw ukoll jekk jiġu rtirati jew abbandunati;*

*(d) jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja tkun ġiet akkużata jew tqatta' ż-żmien ta' xi sentenza kif provdut fl-artikolu 12, sakemm din tkun ġiet meħlusa jew b'liberazzjoni jew għax jiskadilha ż-żmien tas-sentenza jew xort' oħra."*

11. M'hemmx dubju li pendenti l-proċeduri li għalihom jirreferi l-Artikolu 21(2) tal-Kap.276 ir-rikorrent kien taħt kustodja mhux għaliex l-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 jipprekludu l-ħelsien mill-arrest iżda għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tal-fehma li kien hemm raġunijiet li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba għall-ħelisen mill-arrest.

12. Il-Qorti żżid li t-tqegħid tar-rikorrent taħt kustodja wara s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Novembru, 2021, kien ċertament skont il-liġi u saret għall-finijiet ta' estradizzjoni tiegħu. L-Art. 5(1)(f) ma jimponix obbligu fuq l-Istat li jipprovdi għal żmien massimu li matulu persuna tista' titpoġġa taħt kustodja għall-finijiet ta' estradizzjoni. Lanqas ma saret xi allegazzjoni jew hemm xi provi li jindikaw li l-proċeduri minn hemm 'il quddiem ma tmexxewx b'diliġenza. F'dan ir-rigward hu rilevanti l-perjodu mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Novembru, 2021, sat-23 ta' Ġunju, 2022, data li fiha ngħata d-digriet li bih il-Qorti tal-Appell Kriminali tat lir-rikorrent il-ħelsien mill-arrest. Ovvjament id-detenzjoni wara s-sentenza tad-9 ta' Diċembru, 2021, kien ukoll bil-għan li titwettaq l-estradizzjoni. Ovvjament dan ma setax isir

wara li r-rikorrent ippreżenta kawża li biha qiegħed jimpunja proprju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-digrieti tat-3 ta' Diċembru, 2021, u tat-23 ta' Ġunju, 2021, li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali huma fihom infushom prova li r-rikorrent kellu rimedju sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da